IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2019
COM(2019) 618 final

2019/0271 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2019, il-Lussemburgu talab awtorizzazzjoni biex ikompli jeżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT, u li jżid dan il-livell limitu minn EUR 30 000 għal EUR 35 000.

Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Lussemburgu b'ittra datata l-21 ta' Ġunju 2019. B'ittra datata l-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Lussemburgu li kellha l-informazzjoni kollha li kienet tqis meħtieġa biex tevalwa t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skema speċjali għall-impriżi żgħar, li tinkludi l-possibbiltà li jeżentaw lil persuni taxxabbli li ma jkunux jaqbżu ċertu fatturat annwali. Il-persuni taxxabbli li jaqgħu taħt din l-eżenzjoni ma għandhomx għalfejn jimponu l-VAT fuq il-provvisti tagħhom u b'hekk ma jistgħux inaqqsu l-VAT fuq l-inputs tagħhom.

Il-possibbiltà li jiġu applikati regoli speċjali tal-VAT inklużi eżenzjonijiet jew ħelsien mit-taxxa gradwat għall-impriżi żgħar, ġiet introdotta għall-ewwel darba mill-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE[2]. Skont l-Artikolu 24(2)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE[3] li issa tfassal mill-ġdid bħala l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri li ma użawx l-għażla prevista f'dik id-dispożizzjoni, wara setgħu jeżentaw mill-VAT biss lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 5 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT, dawk l-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu ħelsien mit-taxxa gradwat lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom jeċċedi l-limitu massimu ffissat minnhom għall-applikazzjoni tiegħu.

Sa tmiem l-2012, il-Lussemburgu eżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma kienx aktar minn EUR 10 000. B'mod parallel, il-Lussemburgu uża l-għażla skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT billi ta ħelsien mit-taxxa gradwat lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom kien bejn EUR 10 000 u EUR 25 000.

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat minn negozju – L-istruttura u l-proċeduri għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303/67).

3 Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1).

Wara dan, il-Lussemburgu talab u kiseb deroga skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 285 biex japplika livell limitu ta' fatturat ta' EUR 25 000 fir-rigward tal-iskema ta' eżenzjoni għan-negozji ż-żgħar filwaqt li fl-istess ħin jabolixxi l-applikazzjoni tal-ħelsien mit-taxxa gradwat. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/677/UE[4] awtorizzat lil-Lussemburgu japplika miżura ta' deroga msemmija hawn fuq sal-31 ta' Diċembru 2016.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2017/319/UE[5] awtorizzat lil-Lussemburgu biex jestendi d-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga għall-31 ta' Diċembru 2019 u, fl-istess ħin, iżid il-livell limitu minn EUR 25 000 għal EUR 30 000.

Din it-talba mil-Lussemburgu biex tittawwal id-data ta' skadenza tad-deroga filwaqt li jiżdied il-livell limitu minn EUR 30 000 għal EUR 35 000 hija bbażata fuq l-istess raġunijiet bħal dawk ippreżentati fit-talbiet preċedenti. B'mod partikolari, il-Lussemburgu jsostni li l-miżura ta' deroga tnaqqas il-piż amministrattiv kemm għan-negozji ż-żgħar kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa. F'dan ir-rigward, il-miżura ta' deroga tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tat-taxxa u għalhekk taqa' fl-objettivi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT.

Il-Lussemburgu jisħaq li d-deroga mitluba tikkonforma mal-filosofija tal-proposta tal-Kummissjoni tal-2018 dwar regoli ġodda ta' simplifikazzjoni rigward il-VAT għan-negozji ż-żgħar[6], sakemm il-proposta tippermetti lill-Istati Membri jiffissaw il-livell limitu tal-fatturat annwali meħtieġ għal eżenzjoni mill-VAT għal mhux aktar minn EUR 85 000 (jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali).

Skont il-Lussemburgu, il-miżura speċjali mitluba jkollha effett negliġibbli biss fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT miġbur fl-istadju tal-konsum finali (mhux aktar minn 0,1 %), kif meħtieġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT.

B'mod aktar speċifiku, huwa rrappurtat li fl-2017, 105 persuni taxxabbli b'fatturat ta' bejn EUR 10 000 u EUR 30 000 użaw l-eżenzjoni (kontra 64 fl-2015 u 73 fl-2016). Għal dik is-sena, dan in-numru jikkorrispondi għal 0,14 % tal-persuni taxxabbli rreġistrati għall-VAT. Il-Lussemburgu jistma li t-telf massimu tad-dħul mill-VAT minħabba l-eżenzjoni huwa ta' EUR 271 525,60. Dan l-ammont jirrappreżenta 0,01 % tal-ammont totali tal-irċevuti tal-VAT għall-2017. Il-Lussemburgu jistenna li ż-żieda tal-livell limitu għal EUR 35 000 tista' taffettwa lil 1106 persuni taxxabbli, li jirrappreżenta 1,5 % tal-persuni taxxabbli rreġistrati għall-VAT fl-2017. F'każ li l-ebda waħda minn dawk il-persuni taxxabbli ma tagħżel it-trattament normali tal-VAT, it-telf tad-dħul li jirriżulta miż-żieda tal-livell limitu tal-eżenzjoni minn EUR 30 000 għal EUR 35 000 jenħtieġ li ma jaqbiżx 0,1 % tad-dħul totali mill-VAT.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mil-Lussemburgu, jidher li l-għan tat-talba biex tiġi estiża l-miżura ta' deroga huwa li teħles lin-negozji ż-żgħar minn ħafna mill-obbligi tal-VAT taħt l-arranġamenti normali tal-VAT kif ukoll li jitnaqqas il-piż tal-amministrazzjoni tat-taxxa f'termini tal-ġbir tat-taxxa u l-awditjar tan-negozji ż-żgħar. Dan jista' jippermetti lill-

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/677/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 33).

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2017/319/UE tal-21 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 47, 24.2.2017, p. 7).

[6] Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward l-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, COM(2018) 21 final.

amministrazzjoni tat-taxxa tiffoka l-attivitajiet ta' kontroll tagħha lejn persuni taxxabbli aktar importanti. Għalhekk, il-miżura ta' deroga tikkonforma mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT li jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu miżuri speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tagħha biex jissimplifikaw il-proċedura tal-ġbir tal-VAT. F'dan il-kuntest ta' min jinnota li l-miżura hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

Kif muri mil-Lussemburgu, il-miżura ta' deroga mhux mistennija li taffettwa b'mod sinifikanti l-ammont globali tad-dħul tiegħu mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali. Bl-istess mod, mhux mistennija li jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT. Għalhekk, il-miżura ta' deroga tikkonforma mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u peress li l-qafas legali tal-UE u s-sitwazzjoni fattwali baqgħu l-istess, l-estensjoni mitluba tad-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga tidher li hija ġġustifikata. Għaldaqstant, qed jiġi propost li t-talba tintlaqa'.

It-talba tal-Lussemburgu ma tindikax skadenza għad-deroga mitluba. Madankollu, id-derogi mid-Direttiva tal-VAT normalment jenħtieġ li jkunu limitati fiż-żmien sabiex jippermettu li ssir valutazzjoni tal-effettività u l-adegwatezza tagħhom. Barra minn hekk, kif issemma qabel, bħalissa qed isir rieżami tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar. Il-proposta tal-2018 dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għal impriżi żgħar teħtieġ li sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2022, l-Istati Membri jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mar-regoli l-ġodda.

Għalhekk qed jiġi propost li d-data ta' skadenza tad-deroga tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2022. F'każ li tiġi adottata Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar u b'hekk, id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2022, jiġifieri qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità tal-miżura ta' deroga fil-31 ta' Diċembru 2022, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu livell limitu, kif previst fl-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT. Malta[7] ngħatat livell limitu ta' EUR 20 000; in-Netherlands[8] ingħataw livell limitu ta' EUR 25 000; il-Polonja[9], l-Estonja[10] u l-Latvja[11] ngħataw livell limitu ta' EUR

[7] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/279 tal-20 ta' Frar 2018 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 54, 24.2.2018, p. 14).

[8] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

[9] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32).

[10] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563 tal-21 ta' Marzu 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 33).

[11] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 342, 21.12.2017, p. 8).

40 000; il-Kroazja[12] u l-Litwanja[13] ngħataw livell limitu ta' EUR 45 000; is-Slovenja[14] ngħatat livell limitu ta' EUR 50 000; l-Italja[15] ngħatat livell limitu ta' EUR 65 000; u r-Rumanija[16] ngħatat livell limitu ta' EUR 88 500.

Il-miżura hija konsistenti wkoll mal-proposta tal-2018 dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi żgħar u medji, li hija bbażata fuq il-pjan ta' azzjoni tal-VAT[17] u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawk in-negozji. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u fil-livell tal-UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tal-livell limitu u tiffaċilita kemm il-konformità tan-negozju kif ukoll il-monitoraġġ mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Jenħtieġ li d-derogi mid-Direttiva tal-VAT ikunu dejjem limitati fiż-żmien biex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-effetti tagħhom. Fid-dawl tar-rekwiżiti tal-proposta tal-2018 dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għal impriżi żgħar, qed jiġi propost li tiġi estiża d-data ta' skadenza tad-deroga sal-31 ta' Diċembru 2022 jew sad-data li fiha l-Istati Membri jridu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li meħtieġa jadottaw f'każ li tiġi adottata Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-miżura tikkonforma mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017[18], li indika l-piż amministrattiv tal-konformità tal-VAT għan-negozji żgħar huwa għoli u li l-innovazzjonijiet tekniċi joħolqu sfidi ġodda għall-ġbir effettiv tat-taxxa u enfasizza l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-VAT għall-kumpaniji iżgħar.

[12] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1768 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 250, 28.9.2017, p. 71).

[13] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1853 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 15).

[14] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 285, 13.11.2018, p. 78).

[15] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 306, 15.11.2016, p. 11).

[16] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855 tal-10 ta' Ottubru 2017 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 19).

[17] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016) 148 final.

[18] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 (COM(2016) 710 final).

Bl-istess mod, hija konsistenti mal-istrateġija tas-suq uniku tal-2015[19] li l-Kummissjoni stabbiliet biex tgħin lin-negozji żgħar u ta' daqs medju jikbru, fost l-oħrajn billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi li ma jħalluhomx jisfruttaw għalkollox is-suq uniku.

Fl-aħħar nett, il-miżura tikkonforma mal-politiki tal-UE dwar l-impriżi żgħar u medji kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2016 favur in-Negozji l-ġodda[20] u fil-Komunikazzjoni tal-2008 "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" - "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa"[21], li stiednu lill-Istati Membri biex iqisu l-karatteristiċi speċjali tal-SMEs meta jfasslu l-leġiżlazzjoni u jissimplifikaw l-ambjent regolatorju eżistenti.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT huwa l-unika bażi ġuridika possibbli.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hi proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabbli żgħar u għad-dipartiment tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, tista' tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq billi tista' tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

---

19 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji (COM(2015) 550 final).

20 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: L-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu, **(**COM(2016) 733 final**)**.

21 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (KUMM(2008) 394 finali).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija bbażata fuq talba li saret mil-Lussemburgu u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li testendi miżura għas-simplifikazzjoni li telimina ħafna mill-obbligi tal-VAT għan-negozji li joperaw b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 35 000. Dan jista' jkollu impatt potenzjalment pożittiv fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-1106 persuni taxxabbli (li jkunu jirrappreżentaw 1,5 % tal-persuni taxxabbli rreġistrati għall-VAT fl-2017) u, sussegwentement fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv minn fuq l-amministrazzjoni tat-taxxa. L-impatt fuq il-baġit f'termini tad-dħul mill-VAT huwa stmat mil-Lussemburgu li mhuwiex aktar minn 0,1 % tad-dħul mill-VAT li jinġabar.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦAL-BAĠIT

Il-proposta mhux se jkollha impatt negattiv fuq il-baġit tal-UE peress li l-Lussemburgu se jwettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE EURATOM) 1553/89.

2019/0271 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[22], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri li ma użawx l-għażla skont l-Artikolu 14 tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE[23] jistgħu jeżentaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 5 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/677/UE[24], il-Lussemburgu kien awtorizzat japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE ("il-miżura ta' deroga"), biex jeżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma kienx aktar minn EUR 25 000. Il-miżura ta' deroga ġiet awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2016.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE ġiet emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/319[25] biex tawtorizza lil-Lussemburgu jeżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma kienx aktar minn EUR 30 000. Dik l-awtorizzazzjoni tapplika mill-31 ta' Diċembru 2019, jew sad-dħul fis-seħħ ta' Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. Fl-2018 ġiet ippreżentata proposta[26] għal din id-Direttiva, iżda għadha ma ġietx adottata.

---

22 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

23 It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq il-fatturat minn negozju – L-istruttura u l-proċeduri għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303/67).

24 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/677/UE tal-15 ta' Novembru 2013 li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 316, 27.11.2013, p. 33).

25 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/319 tal-21 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 47, 24.2.2017, p. 7).

26 COM(2018)21 final, 18.01.2018.

(4) B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-2 ta' Mejju 2019, il-Lussemburgu talab awtorizzazzjoni biex ikompli japplika l-miżura ta' deroga wara l-31 ta' Diċembru 2019 u, fl-istess ħin, biex iżid il-livell limitu minn EUR 30 000 għal EUR 35 000.

(5) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Lussemburgu b'ittra datata l-21 ta' Ġunju 2019. B'ittra datata l-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Lussemburgu li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(6) Mill-informazzjoni pprovduta mil-Lussemburgu, jidher li r-raġunijiet għall-miżura ta' deroga għadhom fil-biċċa l-kbira l-istess. Il-miżura ta' deroga tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità kemm għall-impriżi żgħar kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa u għalhekk tgħin biex tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tal-VAT. Il-Lussemburgu jistma li ż-żieda fil-livell limitu ta' eżenzjoni għal EUR 35 000 tista' taffettwa lil 1106 persuni taxxabbli, li jikkorrispondi għal 1,5 % tal-persuni taxxabbli rreġistrati għall-VAT fil-Lussemburgu fl-2017. Għalhekk, din iż-żieda fil-livell limitu tkompli tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità u tgħin biex tkompli tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tat-taxxa.

(7) Il-miżura ta' deroga hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuna taxxabbli xorta se jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti regolari tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(8) Skont l-informazzjoni pprovduta mil-Lussemburgu, il-miżura ta' deroga biż-żieda fil-livell limitu se jkollha effett negliġibbli biss fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT tal-Lussemburgu miġbur fl-istadju tal-konsum finali.

(9) Il-miżura ta' deroga biż-żieda fil-livell limitu mhux se jkollha effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li ġejjin mill-VAT peress li l-Lussemburgu se jwettaq kalkolu tal-kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89[27].

(10) Minħabba l-impatt potenzjalment pożittiv tal-miżura ta' deroga fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet tal-konformità għan-negozji żgħar u għall-awtoritajiet tat-taxxa, u n-nuqqas ta' xi impatt kbir fuq id-dħul totali ġġenerat mill-VAT, jenħtieġ li l-Lussemburgu jkun awtorizzat ikompli japplika l-miżura ta' deroga għal perjodu ulterjuri u jżid il-livell limitu għal EUR 35 000 għal dak il-perjodu.

(11) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura ta' deroga, tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività u l-adegwatezza tal-livell limitu. Għalhekk, jixraq li l-Lussemburgu jkun awtorizzat ikompli japplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2022. Madankollu, jekk tiġi adottata l-proposta għal Direttiva msemmija fil-premessa (3) u d-data li minnha jridu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa għall-konformità ma' dik id-direttiva tiġi qabel il-31 ta' Diċembru 2022, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tieqaf tapplika meta dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali jsiru applikabbli.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE tiġi emendata skont dan,

---

[27] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikoli 1 u 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Lussemburgu huwa awtorizzat li jeżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 35 000.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-aktar data bikrija minn dawn iż-żewġ dati li ġejjin:

(a) il-31 ta' Diċembru 2022;

(b) id-data li minnha l-Istati Membri jridu japplikaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li jeħtieġ jadottaw jekk tiġi adottata Direttiva li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar skema speċjali għall-impriżi żgħar.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President